**F’jum għeluq sninek**

Illum jum festa kbira
Għalaqt sena mal-oħrajn,
Ġew f’wiċċek l-irjieħ kollha
Anki l-ilma b’naqra tajn.

Taqtax qalbek, dil-ħajja
Li koppja ma toħdilhiex,
Tagħmilx storja fuq kollox
Lil qalbek tinkwetahiex.

Għax li jseħħ xorta se jseħħ
Mela m’hemmx ħafna tħassib,
Ħa nerġa’ nfakkrek oħti
Biex niffrankalek tabib.

Jeżiżti spazzju sabiħ
Li jissejjaħ il-preżent,
Għodos fih għax hu mħabba
Jeħilsek mit-turment.

Imbagħad ara sewwa
Kemm grazzji hemm madwarek,
l-importanti kif jafek
Alla li b’għożża sawwrek.

Sabiħa l-ħajja tibqa’
Għax hi don tal-kbir Mulej,
Ibqa’ iftaħħlu qalbek
Tiegħek l-uniku Feddej.

Hekk kollox jarma jgħaddi
Tkun ma’ missirjietek,
Gawdi illum, dan tiegħek
Awguri f’għeluq sninek.

Patri Mario Attard OFM Cap
21 ta’ Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.